MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 770/2004

**Christopher Borg**

**vs**

**Noel Micallef u b'digriet tat-Tribunal tad-9 ta Lulju 2004 gie ordnat il-kjamata fil-kawza ta Anthony sive Tony Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta April 2004 fejn
intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-
somma erba mija u tmienja u erbghin lira tmienja u tmenin centezmu
(Lm448.88) rapprezentanti hsarat kagunati fil-vettura tal-attur numru
KAN 539 f'incident stradali li sehh nhar it-2 ta Jannar 2004 gewwa

Triq Lord Byron, Hamrun meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura
numru DAA 298 u ghal liema ncident l-istess konvenut kien
unikament responsabbli.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 29 ta April 2004 fejn eccepixxa li kien certu Anthony Attard unikament responsabbli ghall-istess incident stradali li kien qed isuq il-vettura numru GAM 679 u ghalhekk dan ghandu jigi kjamat fil-kawza filwaqt li l-konvenut ma hux responsabbli ghall-ebda danni li dejjem pero xorta wahda ghandhom jigu ppruvati.

Illi permezz ta digriet moghti minn dan it-Tribunal fid-9 ta Lulju 2004 gie ordnat il-kjamata fil-kawza ta Anthony sive Tony Attard u dana a spejjes tal-konvenut.
Illi permezz ta risposta datata 6 ta Ottubru 2004, il-kjamata fil-kawza kkontesta kull responsabbilita tal-incident in kwisjtoni u tefa t-tort tal-istess fuq il-konvenut Noel Micallef.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-attur u tal-konvenut.

Ikkunsidra.

Illi f'dan l-incident stradali in kwistjoni ma hux kontestat il-fatt li l-vettura tal-attur kienet tinsab parkeggjata u li kienet il-vettura misjuqa mill-konvenut li habtet mal-vettura tal-attur. Illi l-punt li ghandu jigi stabbilit minn dan it-Tribunal hux jekk l-incident sehhx minnhabba nuqqasijiet fis-sewqan da parti ta l-attur jew minnhabba xi nuqqas da parti tal-kjamata fil-kawza jew addirittura minnhabba xi nuqqasijiet kemm tal-konvenut u kif ukoll tal-kjamata fil-kawza.

Illi ma jinsabx kontestat anqas il-fatt li l-konvenut kien qed isuq gewwa triq principali filwaqt li l-kjamata fil-kawza kien ghadu kemm hareg minn trieq Sekondarja ghal gewwa

Triq Principali mnejn kien ghaddej il-konvenut u fejn kienet ipparkeggjata l-vettura tal-attur. Wiehed ghalhekk ghandu jistabbilixxi jekk tilifx il-kontroll tal-vettura tieghu minnhabba manuvra negligenti u istantanea da parti tal-kjamata fil-kawza jew inkella habatx minnhabba negligenza fis-sewqan tieghu u l-manuvra tal-kjamat fil-kawza ma kellha x'taqsam xejn bhala kawza prossima tal-incident.

Ix-xhieda tal-attur ma titfa ebda dawl fuq il-kwistjoni ta responsabbilita stante li l-incident ma rahx. Ix-xhieda tieghu sservi pero, sabiex jigi ppruvat il-kwantum tal-hsara fil-vettura tieghu. Barra minnhekk jikkonferma wkoll pero li fil-mument tal-incident stess kien innota b'argument li nqala bejn il-konvenut u l-kjamata fil-kawza dwar ir-responsabbilita tal-istess u lill-konvenut semghu jghid li kien dahal go fih peress li Attard kien hareg f'salt minn Triq Adelaide Cini. Dan id-diskors kien gie konfermat ukoll quddiem PS 125 Mifsud, li kien is-Surgent li nvestiga l-kaz, ha l-verzjonijiet tas-sewwieqa u hejja l-iskizz relattiv. Dan is-surgent ikkonferma id-dokumenti a fol 6 sa 10 tal-process bil-gurament tieghu. Jispjega li l-vettura ta Attard ma ndikahiex fl-iskizz peress li wara l-incident dan kien ipparkeggja mal-vetturi l-ohra fit-trieq.
Il-kjamat fil-kawza xehed li qabel ma hareg minn trieq Adelaide Cini ghal
Main road mnejn kien ghaddej il-konvenut, huwa waqaf fuq l-istop sign u
nnota li ma kienx hemm vetturi gejjin – pero ighid li hekk kif hareg huwa
sema l-hoss ta habta u waqaf biex jara x'gara. Jallega li l-konvenut habat il-
ghaliex skiddja minnhabba l-art imxarrba bix-xita. Ix-xhud Josette Ellul li
tresqet mill-kjamata fil-kawza tikkonferma l-verzjoni moghtija minn Attard u
zzid tghid pero li l-vettura ta Attard waqfet fejn l-inkorcju bejn Lord Byron
Street ma Villambrosa Street. Meta harset lura u rat il-vetturi mahbutin, dawn
kienu xi erba jew hames vetturi l-boghod minnhom.

Minn-naha l-ohra l-konvenut ighid li huwa kien niezel fil-Main road. Huwa
minnu li l-art kienet imxarrba bix-xita pero fil-hin tal-incident ma kinietx
niezla xita. Hekk kif qorob il-kantuniera ta Adelaide Cini ra vettura hierga l-
barra u sabiex jevitha gibed lejn ix-xellug bil-konsegwenza li habat mal-
vettura parkeggjata tal-attur. Hu jallega wkoll li l-vettura tal-kjamata fil-
kawza li harget mill-gemb kienet messithu – laqtithu bi speci ta zbrixx mhux
impatt. Huwa jsostni li dan id-diskors kien qalulhu lis-surgent pero jidher ma
tnizzel xejn fuq ir-rapport.

Illi minn ezami tal-iskizz u mill-vezjonijiet li taw il-konvenut u l-kjamata fil-
kawza wiehed ma jistax jifhem kif u il-ghala l-konvenut habat mal-vettura
parkeggjata jekk mhux il-ghaliex inhasad b’xi mod minn cirkostanza ohra
estranea ghas-sewqan tieghu. Huwa kien ghaddej fi trieq dritta bil-vetturi
pparkeggjati fuq in-naha tax-xellug tieghu u biex wasal biex gibed ghal fuq
in-naha tax-xellug f’daqqa u laqat il-vettura tal-attur dan huwa ndikattiv tal-
fatt li huwa nhasad minn xi haga provenjenti minn-naha tal-lemin tieghu. Il-
kjamat fil-kawza jghid li waqaf fuq l-istop sign, hares u mbaghad hareg ghal
Main road. Ta min jinnota li mnejn hareg Attard wiehed ghandu vizwali fit-
tul ta x’ikun niezel minn Lord Byron street u ghalhekk hija haga nspjegabbli
kif ma rahx gej lill-konvenut. Jigi osservat ukoll li meta Josette Ellul, xhud
prodott minn Attard, semghet bil-habta u harset il-vettura tal-kjamata fil-
kawza kienet biss xi erba vetturi mbieghdha miz-zewg vetturi mahbuta –

distanza tassew zghira li hija ndikattiva tal-fatt li l-impatt sehh hekk kif il-
kjamat hareg mis-side road. Fil-fatt Attard stess ighid li "hekk kif hrigt jien
smajt daqqa ta karozza ohra".

Illi ghalhekk f'dan id-dawl it-Tribunal huwa tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-konvenut hija aktar verosimili u kredibbli minn dik moghtija mill-kjamata fil-kawza u jikkonkludi l-kawza prossima tal-incident pjuttost kienet il-manuvra tal-kjamata fil-kawza li naqas li jzomm *a proper look out* hu u hiereg mis-side road milli minnhabba xi negligenza attribwibbli lill-konvenut.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-kjamata fil-kawza Anthony sive Tony Attard kien unikament responsabbli tal-incident in kwistjoni kwindi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess kjamata fil-kawza, jilqa l-eccezzjonijiet mressqa mill-konvenut Micallef u kif ukoll it-talbiet tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-istess kjamat fil-kawza jhallas lill-attur is-somma kif mitluba fl-ammont ta erba mija u tmienja u erbghin lira tmienja u tmenin centezmu (Lm448.88) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess kjamata fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------